# Naħarbu

*Ta'* W. Ph. Gulia

Ejj' naħarbu għal Wied Qirda,
ejj' naħarbu!
Ħaddar qiegħed Marzu qalb l-egħlieqi
taħt l-aħmar tas-silla,
u fuq ħxejjex imkabbrin
qed ifewġu tlieta, tlieta,
wardiet ħomor bħall-pepprin...
U l-għasel qed itaffi għatx in-naħal,
u safi qed itir mar-riħ id-deh'b,
u ċċapċap il-ġurati l-ġwienaħ tagħha,
u jżanżan iż-żunżan għażżien li għib!
U tisma' ġol-ħarruba
il-għanja tal-għasfur,
tisma' l-ilma ġieri
ġol-widien ifur!
U tħoss li x-xemx ixxekklek
fil-mixi—l-ġiri rżin,
u tieqaf hemm—tindifen—
qalb il-ħaxix ħanin...
U tara taħt dak l-iżraq,
jiġġiera il-ħajbur,
tara 'l xi ħamiema
taħrablek 'l hinn mill-bur—
Ejja mmorru, ejja mmorru
nixegħlu bin-nirien—
hemm l-għana tal-għasafar,
hemm l-ilma tal-widien—
Ejja mmorru, ejja mmorru,
naħarbu kullimkien—
hemm il-ġamar taż-żgħożija,
hemm iż-żifna tal-ħolqien!